VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,691, 24 ta' Diċembru, 2010
Taqsima B

A.L. 556 tal-2010

ATT DWAR AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti ta' l-2010 dwar Emissjonijiet tal-Gass b'Effett Serra tul iċ-Ċiklu tal-Ħajja mill-Karburanti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2010 dwar Emissjonijiet tal-Gass b'Effett Serra tul iċ-Ċiklu tal-Ħajja mill-Karburanti.

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu l-Artikolu 7a tad-Direttiva 98/70/KE billi jistabbilixxu, fir-rigward ta' vetturi tat-triq, u makkinarju li ma jimxix fit-triq, tratturi użati fl-agrikoltura u fil-forestrija, u dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni meta dawn ma jkunux qegħdin ibaħħru, mira għal tnaqqis ta' emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:-

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi; Kap. 423.

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, mwaqqfa bl-artikolu 3 ta' l-Att;

"bijokarburanti" tfisser karburanti likwidu jew gassuż użat għat-trasport u prodott mill-bijomassa;

"emissjonijiet ta' gass b'effett serra għal kull unità ta' enerġija" tfisser il-massa totali ta' emissjonijiet ta' gass

b'effett serra f'ekwivalenza ta' CO_2 assoċjata mal-karburanti jew enerġija fornuti, diviża bil-kontenut ta' enerġija totali tal-karburanti jew enerġija fornuti (dwar il-karburanti, espressa bħala l-valur ta' tisħin baxx tagħha);

"emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja" tfisser kull emissjoni netta ta' CO_2, CH_4 u N_2O li tista' tkun assenjata lil karburanti (inklużi komponenti mħalltin) jew enerġija fornuti. Dan jinkludi kull stadju rilevanti mill-estrazzjoni jew il-kultivazzjoni, inkluż tibdil kaġunat mill-użu li jsir mill-art, trasport u distribuzzjoni, ipproċessar u kombustjoni, irrispettivament minn fejn jiġu dawk l-emissjonijiet;

"fornitur" tfisser l-entità responsabbli biex tgħaddi karburanti jew enerġija minn post ta' dazju tas-sisa jew, jekk ma jkun hemm ebda sisa dovuta, kull entità rilevanti oħra maħtura mill-Awtorità;

"Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif" tfisser il-mekkaniżmu mwaqqaf konformement ma' l-Artikolu 12 tal-Protokoll ta' Kyoto;

"Protokoll ta' Kyoto" tfisser il-Protokoll ta' Kyoto mal-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti fuq it-Tibdil fil-Klima.

Tnaqqis ta' emissjonijiet tal-gass b'effett serra.

3. (1) L-Awtorità għandha taħtar lil kull fornitur li jkun responsabbli għas-sorveljanza u rappurtar ta' emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja għal kull unità ta' enerġija minn karburanti u enerġija fornuti. Fil-każ ta' provdituri ta' l-elettriku biex jintuża fil-vetturi tat-triq, dawk il-provdituri jistgħu jagħżlu li jsiru kontributur għall-obbligazzjoni ta' tnaqqis stipulata fis-subregolament (3) jekk ikunu jistgħu juru li jistgħu jkejlu adegwatament u jissorveljaw elettriku fornut biex jintuża f'dawk il-vetturi.

(2) Il-fornituri għandhom jirrappurtaw ta' kull sena lill-Awtorità, u dawk ir-rapporti għandhom ikunu jistgħu jiġu verifikati, dwar il-qawwa tal-gass b'effett serra li jkollhom il-karburanti u l-enerġija fornuta billi mill-inqas jipprovdu din l-informazzjoni li ġejja:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) il-volum totali ta' kull tip ta' karburanti jew enerġija fornuti, u jiġi indikat minn fejn dawn ikunu nxtraw u l-oriġni tagħhom; u

(b) emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja għal kull unità ta' enerġija:

Iżda dak ir-rapport ikun skond kull linja direttiva li l-Awtorità tista' tistabbilixxi jew tadotta.

(3) Il-forniturigħandhom inaqqsu kemm jista' jkun gradwalment emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja għal kull unità ta' enerġija minn karburanti u enerġija fornuti sa 10 % sal-31 ta' Diċembru 2020, paragunat ma' linja bażi standard għal karburanti speċifikata mill-Awtorità msejsa fuq l-emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja għal kull unità ta' enerġija minn karburanti fossili. Dak it-tnaqqis għandu jkun magħmul minn:

(a) 6 % sal-31 ta' Diċembru 2020, hekk li l-forniturijkunu wkoll meħtieġa jikkonformaw ruħhom ma' dawn il-miri intermedji li ġejjin:

(i) 2 % sal-31 ta' Diċembru 2014; u

(ii) 4 % sal-31 ta' Diċembru 2017;

(b) mira addizzjonali indikattiva ta' 2 % sal-31 ta' Diċembru 2020, li għandha tinkiseb permezz ta' xi metodu, jew iż-żewġ metodi, minn dawn li ġejjin:

(i) il-forniment ta' enerġija għat-trasport fornut biex jintuża f'kull tip ta' vettura tat-triq, makkinarju li ma jimxix fit-triq, trattur agrikolu jew tal-forestrija jew dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni;

(ii) l-użu ta' kull teknoloġija (inkluż il-qbid u l-ħżin tal-karbonju) li tista' tnaqqas l-emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja għal kull unità ta' enerġija minn karburanti jew enerġija fornuti:

Iżda dik il-mira addizzjonali indikattiva tista' tkun assoġġettata għal aġġustamenti biex ikunu jistgħu jiġu evalwati kontribuzzjonijiet possibbli biex tintlaħaq mira

VERŻJONI ELETTRONIKA

ta' tnaqqis ta' gass b'effett serra li tlaħħaq 10 % sal-2020;

(ċ) mira addizzjonali indikattiva ta' 2 % sal-31 ta' Diċembru 2020 li għandha tinkiseb bl-użu ta' krediti mixtrija permezz tal-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif tal-Protokoll ta' Kyoto taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2003/87/KE, għal tnaqqis fis-settur tal-forniment ta' karburanti:

Iżda jistgħu jiġu introdotti miżuri addizzjonali mill-Awtorità biex il-fornituri jkunu jistgħu jnaqqsu bi 2 % emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja għal kull unità ta' enerġija, b'paragun ma' linja bażi standard għal karburanti bażata fuq emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja għal kull unità ta' enerġija minn karburanti fossili, bl-użu ta' krediti mixtrijin permezz tal-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif tal-Protokoll ta' Kyoto taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2003/87/KE.

(4) Emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja minn bijokarburanti għandhom jiġu kalkulati skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2010 dwar Kriterji ta' Sostenibbilità għall-Bijokarburanti. Emissjonijiet tal-gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja minn karburanti u enerġija oħrajn għandhom jiġu kalkulati bl-użu ta' metodoloġija kif meħtieġa mill-Awtorità.

A.L. 553 tal-2010.

(5) Grupp ta' fornituri jista' jagħżel li jaffronta solidament l-obbligazzjonijiet ta' tnaqqis konformement mas-subregolament (3) ta' dan ir-regolament. F'dak il-każ dawn għandhom jitqiesu bħala fornitur uniku għall-finijiet tas-subregolament (3).

Multi amministrattivi.

4. L-Awtorità tista' timponi multa amministrattiva fuq kull min jikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew jonqos milli jikkonforma ruħu ma' xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità sabiex jiġi żgurat it-tħaris ta' dawn ir-regolamenti.